KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 60**

**Laqgħa Annwali tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**L-Erbgħa 8 ta' Frar, 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa, l-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fis-18:00h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFICJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Wieħed (1)

## 60.01 Introduzzjoni mis-Sindku Scott Camilleri

**60.01.01** Is-Sindku Scott Camilleri irringrazzja lil dawk li attendew. Hu tkellem dwar kemm hu importanti li l-Estimi Finanzjarji jkun aġġornati skond l-esiġenzi tal-lokalità. Bħala proġetti kapitali li hemm stmati għal din is-sena huma t-tisbiħ tal-bandli kollha (Ġnien Profs Anton Tabone, Ġnien Ġużeppi Minuti u Ġnien il-Kunsill Lokali). Il-Kunsill Lokali applika għal żewġ skemi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, u għalhekk ħafna mill-ispejjeż se jkunu mħallsa se jkunu ffinanzjati minn dawn iż-żewġ skemi. Is-Sindku Scott Camilleri sostna ukoll li għadu kif ġie konkluż it-tender ġdid maħruġ sabiex il-Kunsill Lokali jkun f'sitwazzjoni li jixtri diversi apparat u jagħmel xogħlijiet li jkun hemm meħtieġ. Is-Sindku Scott Camilleri kompla billi qal li fi Ġnien Profs Anton Tabone se jkun hemm apparat li hu *Smart* u se jinbidel is-*soft flooring*. Fi Ġnien il-Kunsill Lokali hemm MoU mal-*Public Works Division* sabiex jagħmlu xogħolijiet infrastruttuarali fih, u l-Kunsill Lokali jħallas għall-apparat rikreattiv.

**60.01.02** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem fuq il-Proġett Pilota li qed iseħħ fejn id-Dipartiment aċċettà t-talba tal-Kunsill Lokali għall-estensjoni ta' dan il-proġett li ilu mill-2015 sabiex jinbidel it-tagħmir tal-elettriku ġewwa l-Bajja s-Sabiħa. Dawn ukoll se jsiru mit-€30,000 li ma kinux qed ikunu utilizzati mill-Kunsill Lokali.

**60.01.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma l-aħħar proġett kapitali. Dan hu l-bini tal-Librerija Pubblika u l-Berġa tas-Saħħa permanenti. Minn kif huma stmati l-*bill of quantities* dan il-proġett huwa stmat li jiswa mas-€600,000. Dan se jkun iffinanzjat mid-*DPF Funds* allokati lil Birżebbuġa. Wara li l-Kunsill Lokali iċċekja l-aħħar aġġornament dwar kemm hemm fondi, sab fond ta €1,300,000. L-ewwel proġett li se jseħħ minn dawn il-fondi huwa il-*Water Culvert System* fi Triq il-Port Ħieles. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena u qal li hemm probabiltà kbira li dawn il-fondi il-Kunsill mhux se jkun qed jonfoqhom hu. Il-Kunsillier Joseph Farrugia kompla jsostni li jekk is-sistema ma ddurx għal Triq San Franġisk Saverju u jinżel minn Triq Kartaġiniżi se jkun hemm il-problemi, għaliex Triq iż-Żibra u Triq San Edwardu jinsabu livell mal-baħar. Il-Kunsillier Alex Caruana irrisponda billi qallu li is-sistema tan-naħa 'tal-Papa' se tkun għaliha u kollox se jmur lejn is-*Sailing Club*.

**60.01.04** Is-Sindku Scott Camilleri reġa semma li id-DPF funds sa jkunu qed jgħinu l-Kunsill fil-bini tal-Librerija Pubblika permanenti. Id-dokumenti bħalissa jinsabu għand l-Awtorità tal-Artijiet sabiex l-art tiġi devoluta lill-Kunsill. Meta dan ikun konkluż, il-Kunsill imur għand l-Awtorità tal-Ippjanar biex wara ikun jista' jibda l-proċess tat-*tendering*.

**60.01.05** Is-Sindku Scott Camilleri radd il-ħajr lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, lill-*Accountant* tal-Kunsill Lokali Doreen Mintoff, lill-istaff kollu tal-Kunsill Lokali tax-xogħol u l-ħidma kbira li qed iwettqu. Irringrazzjhom talli ħadmu bi sħiħ biex jingħalqu l-għaxar skemi li kienu pendenti, u li ma kinux qed jiġu utilizzati.

**60.01.06** Is-Sindku Scott Camilleri kompla billi qal li nhar it-Tnejn li għadda ltaqa' mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali *(Implimentation and Strategy)* fejn tkellmu fuq l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn jidħlu skemi. Dawn faħħru ħafna l-proċess amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

## 60.02 *Estimi Finanzjarji għas-sena 2023*

**60.02.01** L-*Accountant* tal-Kunsill Lokali Doreen Mintoff qalet li s-somma totali tal-proġetti li semma s-Sindku Scott Camilleri tammonta għal €1,270,392. Għal proġetti li kellhom ċans jipproponu l-Kunsilliera se jkun hemm grant ta' €832,506. Dawn ġejjin mill-fond tad-DPF u minn skemi varji.

**60.02.02 (Dħul):** Dwar l-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali u skemi oħra maħruġa, din se tkun ta' €949,877. Ħlas amministrattiv fuq infurzar lokali, permessi, *sponsors*, *bye-laws*, u dħul ieħor hu stmat total ta' €38,500.

**60.02.03 (Ħruġ):** Fejn jidħlu spejjeż, marbut mas-salarji hemm stmat li l-Kunsill jimpjega żewġ żewġ impjegati ġodda. Dan minħabba l-irtirar ta' wieħed mill-impjegat preżenti, u wieħed ġdid. Ma' dawn hem iż-żidiet fil-pagi marbuta mal-għoli tal-ħajja u l-*incriments*. Il-budget allokat hu ta' €252,765. Dwar xogħlijiet ta' manutenzjoni u dawk operattivi, hu maħsub allokazzjoni ta' €542,750. Dwar spejjeż amministrattivi oħra dawn se jammontaw għal €89,900.

**60.02.04** L-*Accountant* kompliet billi tgħid li l-Kunsill se jispiċċa f'surplus minħabba l-Proġetti Kapitali li se jsiru. B'hekk se tiżdied id-deprezzament fuq l-assi tal-Kunsill. Għalkemm fuq il-kotba se jidher li l-Kunsill Lokali se jkun għamel telf ta' €58,026, din mhux se tkun taffetwata l-*cashflow*. Il-Kunsill Lokali kien bilgħaqal biżżejjed li faddal għal dawn l-ispejjeż. L-FSI hu maħsub li sal-aħħar t' din is-sena jkun ta' 66%.

**60.02.05** Is-Sindku Scott Camilleri, staqsa lill-*Accountan*tn jekk mill-għadd ta' deprezzament tal-valuri, hemm xi affarijiet partikolari li qed jonqsu mill-valur. L-*Accountant*, wieġbet li d-deprezzament jiġi maħdum skont il-liġi.

**60.02.06** Il-Kunsillier Alex Caruana saqsa lill-*Accountant* li minħabba li l-prezzijiet qed jeskalaw, il-Kunsill Lokali ikunx xorta f'posizzjoni li jħallas għal dawn ix-xogħlijiet. L-*Accountant* qalet li l-BoQ's dejjem ikun hemm varjazzjoni ta' 15%.

**60.02.07** L-*Accountant* issuġeriet, li meta noqorbu ijed fil-viċin il-bini tal-binja l-ġdida, il-Kunsill għandu jitlob għal stima oħra bi prezzijiet iżjed riċenti.

## 60.03 Mistoqsijiet mill-pubbliku

**60.03.01** Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-pubbliku.

## 60.04 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**60.04.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fis-18:30h, wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 15 ta' Frar, 2023, fil-17:30h.

**IFFIRMATA**

________________________

**Scott Camilleri**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

____________________________

**Jordy Brincat**
*Aġent Segretarju Eżekuttiv*